Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

**Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv b' Urġenza Nu. 42**

**Data:** It-Tlieta, 3 ta' Ġunju 2025
**Ħin:** 17:30
**Post:** Binja Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, Binja tal-Gvern Lokali, il-Marsa

**Preżenti:**
Is-Sur Mario Fava – President
Kav. Paul Farrugia – Viċi President
Is-Sur Anthony Chircop – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Sandro Azzopardi – Membru
Is-Sur Steven Axisa – Membru
Is-Sur Stephen Sultana – Membru
Is-Sur Charles Bonello – Membru
H.E Clifford Galea Vella Maslennikov – Membru

**Skużati**
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Max Zammit – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**
Sa. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

**A:** Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

**T:** 00356 2596 8000
**E:** lca@lca.org.mt

**www.lca.org.mt**

## 42.1 Ittri ta' apoloġiji

42.1.1 Il-President semma li s-Sur Max Zammit, u Dr. Samuel Azzopardi talbu li jkunu skużati.

42.1.2 Fuq proposta tal-President issekondata minn Chev Paul Farrugia, l-Eżekuttiv approva unanimament li jitniżżlu skużati.

## 42.2 Ittra lill-Kummissjoni Elettorali

42.2.1 Il-President semma li b' referenza għal-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 41 li nżammet nhar is-26 ta' Mejju 2025 b' referenza għall-punt tal-minuti numru 41.5.35, semma li huwa informa lill-Eżekuttiv li kienet intbgħatet din il-komunikazzjoni lill-Kummissjoni Elettorali tlett ijeim qabel il-laqgħa tal-Eżekuttiv Nu 41. Semma li waqt l-istess laqgħa kien hemm il-kummenti biss tas-Sur Aquilina fejn irrimarka li dik hija l-liġi u ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni oħra minn dawk preżenti.

42.2.2 Il-President semma li l-ittra intbgħatet tliet ijiem qabel il-laqgħa tal-Eżekuttiv u għaldaqstant huwa qal li m'ghandux problema jerfa' r-responsabbilta ta' dan u se jinforma lill-Kummissjoni li l-ittra intbgħatet f' ismu u mhux f' isem l-Assoċjazzjoni. Semma li hu ser ikun qed isegwi b' mod personali l-kontenut.

42.2.3 Il-President staqsa kienx hemm kummenti jew mistoqsijiet mill-Membri. Ma kien hemm l-ebda kummenti għaldaqstant il-laqgħa intemmet.

## 42.3 Aġġornament

42.3.1 Il-Laqgħa aġġornat fit-sitta neqsin għoxrin ta' filgħaxija.

**Mario Fava**
**President**

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**